
MONS SION IN JERUSAL



Ir-Raħal ta' Għajn Karem
U fix-xellug l-Knisja
Fejn Twieled san Ġwann
U fil-lemin Knisja oħra
Fejn il-Madonna marret iżżur
Lil santa Lizabetta.

It-Tmien Sena | APRIL - ĠUNJU, 1962 | Għadd 2

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA



It-Tmien Sena APRIL - ĠUNJU, 1962 Għadd 2

## X'FIH DAN IL-GĦADD

M'hux min Jgħid . . . Iżda min Jagħmel (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... 33

Il-Proċess ta' Kristu (P.P. Saydon) ... ... ... ... ... ... ... 34

X'Ħin u Meta Miet Ġesù? (P. Manwel Miguens O.F.M.) ... ... ... ... 38

Didake ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 40

Il-Bixra ta' Ġesù (P. Nazju Mancini, O.F.M.) ... ... ... ... ... 44

Il-Palestina — Art Maqsuma (P. Carlo Cornille O.F.M.) ... ... ... ... 51

Santa Katarina ta' Lixandra (P. Ġużeppi Governanti O.F.M.) ... ... ... 57

Kliem Meħud b'ieħor fl-Evanġelju (Ben-Jeħuża) ... ... ... ... ... ... 60

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 63

Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 64

---

*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# M'HUX MIN JGHID... IZDA MIN JAGHMEL

*Qatt smajthom jgħîdu li drâbi l-eqqell għâdu jisfa l-akbar ħabîb? U hekk ġara fl-istorja ta' Ġesù. Il-Kittieba u l-Faresîn li marru jsûsu wara Ġesù fil-Galilija, jiktbu xi jgħîd u x'jagħmel, biex jixluh, minn egħdewwa sfaw ħbieb tiegħu; għax l-aktar bis-saħħa ta' kitbithom, wara li miet Hu u għadd minnhom qalbu Nsara (Atti, VI, 7) inkiteb l-Evanġelju. U fl-Evanġelju issa jinsâb il-Kliem ta' Ġesù. Għax il-lûm, jekk immorru l-Palestîna, ma nistgħux insîbu hemm lil Ġesù, nimxu warajh u nisimgħuh jgħallem. Biex inkûnu nâfu x'qâl, naqbdu l-Ktieb tal-Evanġelju, nifthuh u naqraw fih. Hekk inkunu nâfu x'għallem bla ma nbâtu ġûgħ u sħâna, u bla ma nimxu mixjiet twâl fil-barr ta' Kâfar-Nahûm. Il-Kittieba u l-Faresîn qarrqu bihom infushom, għax min-naħa l-waħda ħadmu biex inqatel Ġesù, u min-naħa oħra, bis-saħħa tagħhom, baqgħet ħajja l-Kelma tiegħu.*

*Fost il-kliem ta' Ġesù li hemm miktûb fl-Evanġelju, hemm uħud ċâri u qosra li tisthajjilhom leħħ ta' beraq u tifqigħ ta' sajjetti: "M'hux min hu qawwi sħiħ, jeħtieġ it-tabib imma min hu marid" (Matt. IX, 12). "M'hux li jidħol fil-fomm iniġġes ir-ruh, imma li joħroġ mill-fehma" (Matt. XV, 11). "Is-Sibt magħmul għal Bin-Adam, m'hux Bin-Adam magħmul għas-Sibt" (Mark, II, 27). U din l-oħra fost ħafna: "M'hux min jgħidli Mulejja, Mulejja, jidħol f'Melkut is-sema, imma min jagħmel raj Missieri li hu fis-sema, dan jidħol f'Melkut is-sema" (Matt. VII, 21). U hemm kotra ta' nies li jidhrilhom li huma Nsâra tajba, biss għax imorru l-knisja kull jum u joqogħdu jpetptu xuftejhom f'ħafna kurunelli! Imma Ġesù qatt ma qal li d-Djiena tiegħu kienet Djiena tal-kliem biss. Għax jekk fid-dinja, raġel għâqli li jħaddmek, iħallsek tax-xogħol li tagħmillu m'hux tal-kliem ta' żgħîl li tgħidlu, kif tisthajjel li Alla, li ħalaq il-għâqal, sa jħallîk tqarraq bih u jħallsek tat-tlablîb? Ġesù f'tagħlimu tkellem ċâr fuq dâna (Matt. VI, 7-8). Biex titħallas trid taħdem, u taħdem għal ġîh t'Alla, m'hux għat-tifħîr tan-nies (Matt. VI, 1).*

*Iftah għajnejk mela u la tqisx 'l Alla bil-qjies li jitqiesu bih il-ferghîn tad-dinja. Iftah l-Evanġelju, u saqsi minnu lil Ġesù bħal ma saqsa dak ix-xebb fit-triq ta' Ġerko: "Mgħallem, x'għandi nagħmel biex niret il-ħajja ta' dejjem?" (Matt. XIX, 16). U mill-Evanġelju wkoll isma' t-tweġiba: "Ħobb 'l Alla b'qalbek kollha, b'rûħek kollha u b'dehnek kollu, u ħobb lil għajrek bħâlek in-nifsek (Matt. XXII, 37-39). Għal hekk, agħmel il-ġîd lil kull ħadd, saħansitra lil min jagħmillek id-deni (Matt. V, 44). Itbiegħed min-nisa tal-oħrajn, u anqas biss għandek tarfa' għajnejk u tħares lejhom (Matt. V, 28). Tixtieqx ħwejjeġ għajrek jew tgħîr għal ġidhom, imma għîn lil kull min ikun jeħtieġ minn mielek (Matt. V, 40-42). Qîs li tgħid dejjem is-ewwa: iwa, jekk ikun iwa; u le, jekk ikun le" (Matt. V, 37). U hekk ma tkunx iben id-dlam, bħall-ulied ta' din id-dinja, imma tkun Iben id-Dawl, bħal ma huma Ulied Alla. Għax Alla ma jridx JISMA' biss, imma jrid JARA; għax Alla huwa Dawl. Ma jridx jisma' kliem ta' żgħîl, imma jrid jâra egħmil ta' mħabba. U hekk, jiret il-wirt tas-sema, M'HUX MIN JGĦID il-kliem sabîħ, IMMA MIN JAGĦMEL l-egħmil it-tajjeb.*

*ID-DIREZZJONI.*